CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 79

It-Tnejn, 13 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.20pm.

**79.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija**

79.1.1 Ma kienx hemm ebda ittri ta' apoloġija

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

79.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmienja u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

79.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

79.3.1 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera kollha inkluz l-istaff tal-Kunsill fejn bil-limitazzjonijiet tal-Kunsill ngħata l-aħjar servizz possibbli lir-residenti u sar dak kollu possibbli fl-interess tal- lokal matul din l-aħħar leġislatura.

79.3.2 Is- Sindku tkellem fuq il-Medieval Mdina ta' din is-sena fejn għall-ewwel darba sar fil-Foss ta' L-Mdina, fejn jidhirlu li dan il-festival għal darb'oħra kien suċċess allavolja kien hemm reazjonijiet mħallta mir-residenti fejn uħud minnhom xtaqu li jsir ġewwa il-belt. Huwa kompla qal li kif ġie deċiz fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill din ser tkun l-aħħar edizjoni ta' dan il-festival minħabba nuqqas ta' rizorsi finanzjarji u dan jġib ċertu dieqa kemm lilu personalment u kif ukoll lil-Kunsill.

**79.4 Rapporti, Ilmenti u ordniiet ta' Xogħolijiet**

79.4.1 Ċerimonja ta' ġurament tal-Kunsilliera fl-elezzjonijiet lokali fil- 25 ta'Mejju 2019 nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2019

79.4.2 Emajl mingħand Lets' Do it Malta- World clean up day fil-21 ta' Settembru 2019

79.4.3 Finanzjamenti ta' Proġetti Kapitali- Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni. Il-Kunsill ser jara il-vijabilita' ta' dan il-proġett

79.4.4 Talba mingħand Fondazzjoni Patrimonju Malti biex tittella' attivita' b'sehem ta' marċ fil-19 ta' Mejju 2019. Il-Kunsill approva

79.4.5 DLG Uffiċċju Legali- Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Bye Law proposta dwar karozzini miġbuda minn bhejjem ġiet approvata mill-Ministru.

**79.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

79.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-13 ta’ Mejju 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 31,692.97

79.5.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**79.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

79.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.08pm u ġiet aġġornata għat-13 ta’ Gunju 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca<br>Sindku | Mark Mallia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 13-06-2019_______